

31993D0051

21.1.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 13/11

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Diċembru 1992

fuq il-kriterji mikrobioloġiċi applikabbli għall-produzzjoni ta' krostaċċi msajra u frott tal-baħar mollusk

(93/51/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tas-sajd⁽¹⁾, u partikolarment il-Kapitolu V (II) (4) ta' l-Anness tiegħu,

L-istandards mikrobioloġiċi applikabbli għall-produzzjoni ta' krostaċċi u frott tal-baħar mollusk provdut fil-Kapitolu IV (IV) (7) (ċ) ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE huma preskritti fl-Anness hawnhekk.

Artikolu 2

Billi, skond il-Kapitolu IV (IV) (7) (ċ) ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE, fabbrikanti ta' prodotti ta' krostaċċi msajra u frott tal-baħar mollusk għandhom jagħmlu verifiki mikrobioloġiċi fuq il-produzzjoni tagħhom f'intervalli regolari biex iħarsu l-istandards preskritti bis-saħħa tal-Kapitolu V (II) (4) ta' dak l-Anness;

L-istandards mikrobioloġiċi għandhom ikunu verifikati mill-fabbrikant matul il-proċess ta' manifattura u qabel ma jitpoġġew fis-suq il-krostaċċi u l-frott tal-baħar mollusk msajra fl-impjant ta' l-ipproċessar li huma approvati skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 3

Billi bl-iskop tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, għandu jkun preskrit limitu ta' kontaminazzjoni batterika li lil hinn minnu r-riżultati ma jistgħux jitqiesu bħala aċċettabbli mingħajr ma l-prodott jitqies bħala tossiku b'xi mod; billi, meta l-limitu ta' aċċettabbiltà jinqabeż, il-fabbrikanti għandhom jinvestigaw il-kawżi tagħhom u jstabbilixxu proċeduri korrettivi biex ma jħallux li terġa' tiġri darb'oħra;

Billi l-metodi ta' analiżi ser ikunu preskritti aktar tard fid-dawl ta' l-istudji li jsiru; billi sa dak inhar għandhom jgħoddu metodi internazzjonali rikonossut;

Billi l-miżuri preskritti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

1. Programmi ta' kampjunatura għandhom ikunu stabbiliti mill-persunal maniġerjali ta' l-impjant ta' l-ipproċessar fir-rigward tan-natura tal-prodotti (sħaħ, bla qoxra jew mifsuqa), it-temperatura u l-ħin tat-tisjir u l-valutazzjoni tar-riskju, għandhom iħarsu l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/493/KEE.

2. Il-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom, fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' l-istandards preskritti taħt l-intestaturi 1 u 2 ta' l-Anness ta' hawnhekk, impenn:

— biex l-awtoritajiet kompetenti ikunu notifikati bis-sejbiet magħmula u l-azzjoni meħuda fir-rigward ta' lottijiet li mhumix sodisfaċenti, kif ukoll il-miżuri provduti fit-tieni inċiż hawn isfel,

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 15.

- biex ikunu riveduti l-metodi ta' superviżjoni u verifika tal-punti kritiċi biex tkun identifikata l-għajn kontaminata, u biex isiru analiżijiet aktar spissi,
- biex ma jinbiegħux għall-konsum tal-bniedem lottijiet li jinstabu mhux sodisfaċenti minħabba s-sejba ta' patoġeni jew fejn jinqabeż il-valur M għall-iStaphylococcus provdut taħt l-intestatura 2 ta' l-Anness.

Artikolu 4

Sakemm ikunu stabbiliti metodi tal-Komunità ta' analiżi mikrobioloġika, il-metodi ta' analiżi użati biex ikunu verifikati l-istandards mikrobioloġiċi preskritti fl-Anness ta' hawnhekk

għandhom ikunu xjentifikament rikonoxxuti fuq livell internazzjonali u eżaminati fil-pratika. Il-metodu ta' analiżi użat għandu jkun reġistrat bir-riżultati korrispondenti.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

1. **Patoġeni**

Tipi ta' patoġeni	Standard
Salmonella spp.	Assenti f'25g n = 5 c = 0

Kif ukoll, il-patoġeni u t-tossini tagħhom li għandhom jinfittxu skond il-valutazzjoni tar-riskju, m'għandhomx ikunu preżenti fi kwantitajiet tali li jaffettwaw saħħet il-konsumaturi.

2. **Organiżmi li jindikaw iġene fqira (bla qoxra jew mifsuqa)**

Tip ta' organizzmu	Standard (per g)
<i>Staphylococcus aureus</i>	m = 100 M = 1 000 n = 5 c = 2
jew: <i>Thermotolerant coliform</i> (44 °C fuq mezz solidu)	m = 10 M = 100 n = 5 c = 2
or: <i>Escherichia coli</i> (fuq mezz solidu)	m = 10 M = 100 n = 5 c = 1

Meta l-parametri n, m, M u c huma definiti kif ġej:

n = numru ta' unitajiet li jikkomponu l-kampjun,

m = limitu li taħtu r-riżultati kollha huma konsidrati sodisfaċenti,

M = limitu ta' aċċettabilità li lil hinn minnu r-riżultati huma konsidrati bħala mhux sodisfaċenti,

c = numru ta' unitajiet ta' kampjuni li jagħtu għadd batteriku ta' bejn m u M

Il-kwalità tal-lott hi konsidrata li hija:

(a) sodisfaċenti meta l-valuri kollha osservati huma 3m jew anqas;

(b) aċċettabbli meta l-valuri osservati huma bejn 3m u 10m (= M) u meta c/n hija 2/5 jew anqas.

Il-kwalità tal-lott hija konsidrata li mhix sodisfaċenti:

— fil-każijiet kollha fejn il-valuri huma 'il fuq minn M,

— meta c/n hija akbar minn 2/5.

3. **Indikatur ta' organiżmi (Linji ta' gwida)**

Tip ta' organizzmu	Standard (kull g)
<i>Mesophilic aerobic bacteria</i> (30 °C)	
(a) Prodotti sħaħ	m = 10 000 M = 100 000 n = 5 c = 2
(b) Prodotti bla qoxra jew mifsuqa bl-eċċezzjoni ta' laħam il-granċ	m = 50 000 M = 500 000 n = 5 c = 2
(c) Laħam il-granċ	m = 100 000 M = 1 000 000 n = 5 c = 2

Dawn il-linji ta' gwida għandhom jgħinu lill-fabbrikanti jiddeċiedu jekk l-impjanti tagħhom humiex qed joperaw b'mod sodisfaċenti u biex jassistuhom fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' monitoraġġ tal-produzzjoni.